**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 5 ta` Lulju 2017**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Ramon Mercieca)**

**Vs**

**JOSEPH CORTIS**

Kump Nru 174/2009

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Joseph Cortis** Nru tal-karta tal-identita 712056M, gie akkuzat talli:

1. Fil-kapacita' tieghek ta' direttur 'Calibre Industries Limited' sitwata fil-Qasam Industrijali, San Gwann fis-7 ta' Settembru, 2007 ghall-habta tat-8.00a.m. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila u arti fil-professjoni tieghek jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkangunajt l-mewt ta' Joseph Spiteri u dan ai termini tal-Art. 225 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Akkuzat wkoll talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi nqast milli thares is-sahha u sigurta' tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol,

li jkun qed isir u dan billi nqast milli tiehu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini tal-artikoli 6 (1)(2) ta' l-att 27/2000 Kap 424.

3. Akkuzat wkoll talli bhala persuna li thaddem fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi nqast li taghmel, jew li tizgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurta' kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta' tal-haddiema u tal-persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, inkluz dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija tal-impriza u dan ai termini ta' l-artikolu 10(1) ta' l-A.L. 36/03.

4. Akkuzat wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuna li thaddem hames haddiema jew aktar, inqast milli zzomm fil-pussess tieghek kopja bil-miktub jew li tista' tinkiseb b'mod elettroniku dawn l-evalwazzjonijiet, u li tizgura li jkunu aggornati regolarment u dan ai termini ta' l-artikolu 10 (2) ta' A.L. 36/03.

5. Akkuzat wkoll li fl-istess zminijiet, lok u ciskostanzi bhala persuna li thaddem inqast li tizgura s-sahha u s-Sigurta' tal-haddiema f'kull zmien u f'kull aspett li ghandu x'jaqsam max-xoghol u taghmel arrangamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, moniturag u rivista tal-mizuri preventivi u protettivi, waqt li tikkunsidraw n-natura tal-attivitajiet u d-daqs tal-impriza u nqast wkoll li tiehu l-mizuri necessarji ghas-salvagwardja tas-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol, u ghal dan il-ghan tippreveni riskji fuq il-post tax-xoghol u jipprovdi informazzjoni u tahrig kif mehtieg u dan ai termini ta' artikoli 4 (1)(2) u (3) ta' l-A.L. 36/03.

6. Akkuzat wkoll li fl-istess data, hin, lok u cirkostanza bhala persuna li thaddem inqast illi wara li tikkunsidra n-natura tal-attivitajiet tal-impriza tidentifika l-perikli fuq il-post tax-xoghol u tevita riskji ghas-sahha u s-sigurta', tevalwa dawn ir-riskji li ma jistghux jigu evitati u tikkontrollahom mill-bidu u tadatta x-xoghol ghall-individwu. Inqast wkoll li tevalwa ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta', fost l-ohrajn ghazla tat-taghmir tax-xoghol, il-prassi u l-attivitajiet tax-xoghol, u l-ghazla u t-

taghmir tal-postijiet tax-xoghol, kif ukoll il-kapacitajiet tal-haddiema sabiex iwettqu x-xoghol assenjat lilhom minghajr perikli u tizguraw li jsir titjib fil-livell ta' protezzjoni moghtija lill-haddiema fejn jidhlu sahha u sigurta' u dan ai termini ta' artikoli 5(1) (i)(ii)(iii) u 6 (1)(2) ta' l-A.L. 36/03.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tas-26 ta` Frar 2009 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bil-procedura sommarja (ara *folio* 7);

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat**;

Irrizulta mil-provi mressqa illi fil-perjodu msemmi fl-imputazzjoni, Joseph Spiteri detentur tal-karta ta` l-identita` numru 474456M kien impjegat mas-socjeta` Calibre Industries Limited (registration C17167). Dan l-impjieg kien beda fl-1 ta` Lulju 1996. L-imputat kien id-direttur tas-socjeta` msemmija.

Nhar is-7 ta' Settembru, 2007 ghall-habta tat-8.00am, Joseph Spiteri kien qed jahdem gewwa fabbrika sitwata f'UB32, fil-Qasam Industrijali, San Gwann. Huwa kien qieghed jaqsam f'bicctejn, panel kbir tal-hgieg tat-tip laminated. Dan it-tip ta` hgieg jikkonsisti f'zewg folji hgieg mizmumin flimkien permezz ta` folja irqieqa ta` plastik li tkun inkollata maghhom. Biex jinqasam il-laminated glass, l-ewwel jehtieg li jinqasmu l-hgigiet bl-uzu ta` djamant u mbaghad, fix-xaqq maghmul mid-djamant f'wahda mill-folji tal-hgieg, jintefa ammont zghir ta` blue spirit (methylated spirit – klassifikat bhala *highly flammable*) li jigi mahruq u bis-shana l-plastik jirtaghab u jinqasam u konsegwentement il-hgigiet jigu sseparati. Jidher illi waqt li Joseph Spiteri kien qieghed jitfa dan l-ispirtu fix-xaqq, dan sploda.

Irrizulta illi l-methylated spirit kien jitpogga go kontenitur tal-plastik li kellu tapp b'toqba zghira fih u minn din it-toqba kien jghaddi l-ispirtu li jitferra fix-xaqq ta` bejn il-hgieg. Dan il-kontenitur kien pjuttost qadim u kien jidher rigidu peress illi kien tilef il-

plasticizer material li kien jirrendih artab u propju dan gara minhabba li kien jintela bil-methylated spirit.

Irrizulta illi waqt din l-operazzjoni jidher illi l-kontenitur inqasam f'idejn Joseph Spiteri u minnu hareg il-methylated spirit kollu li kien hemm fih. Jidher illi f'dan il-waqt kien gia hemm il-fjamma taqbad u konsegwentement sehhet dik li tissejjah *unconfined vapour phase explosion* u sfortunatament Joseph Spiteri sab ruhu fil-fire ball li fformat.

Joseph Spiteri kien ilu madwar hamsa u tletin sena f'dan ix-xoghol. F'dan l-incident huwa sofra 30% *partial thickness burns*, jigifieri hruq mhux fond kompletament, f'parti mill-gilda fuq in-naha ta` wiccu, ghonqu, it-trunk, il-kumplament tal-gisem, il-parti ta' fuq tal-gisem u idejh it-tnejn. Huwa originarjament iddahhal l-emergenza ikklassifikat *in danger of loss of life* (ara folio 76), izda mbaghad gie riferut gewwa l-*burns unit* bi hruq ikklassifikat bhala wiehed gravi; il-pazjent pero` kien qed jaghmel progress. Madanakollu, wara tlett ijiem, propju fl-10 ta` Settembru 2007 kellu kumplikazzjoni; intbaghat l-ITU u nstab li kellu *toxic shock syndrome* (*which is a recognised severe complication of patients with moderate to severe burns*) – ara folio 41.

Mill-*medico legal post mortem examination* johrog illi Joseph Spiteri miet *due to septicaemia caused by burns*.

Irrizulta mix-xhieda ta` Raymond Cortis illi Joseph Spiteri kien meqjus bhala l-espert fix-xoghol li kien jesegwixxi hu. Jospeh Spiteri kien jithalla jiehu d-decizjonijiet hu peress illi kien ta` esperjenza.

Fil-gurnata ta` l-incident Joseph Spiteri ma kien liebes ebda equippment protettiv.

Apparti Joseph Spiteri, kien hemm 14-il haddiem iehor impjegat mal-kumpanija msemmija.

Xehed ukoll l-imputat u jghid li huma ma kellhom ebda esperjenza fuq hgieg u aluminium u allura minn meta xtraw il-kumpanija, huma kienu jiddependu fuq il-management u nies tas-sengha li kien hemm fl-istess kumpanija. Kienu jmorru fieri

biex jixtru equipment gdid. Jenfasizza illi bhala fabbrika dejjem hallew f'idejn Joseph Spiteri fid-decizjonijiet li kellu jiehu fix-xoghol li jkun qed jaghmel.

Jispjega illi bhala fabbrika kienu zammew kuntatt mal-OHSA u li fil-fehema tieghu kienu ghamlu dak kollu li kien hemm bzonn ghal dak li kien jirrigwarda l-obbligi naxxenti mill-ligi dwar is-sahha u sigurta` fuq il-post tax-xoghol. Jispjega illi kien huh Raymond Cortis li kien ikun il-fabbrika u jagixxi bhala manager. Jelabora illi kienu jhallu f'idejn Joseph Spiteri minhabba l-esperjenza li kellu fil-qasam, izda li ma jistax jitkellem dwar kwalifiki ufficjali jew certifikati li setghu kienu juru l-kapacitajiet teknici ta` l-istess Spiteri. Bhala fabbrika kienu jemmnu hafna u joqghodu fuq l-esperjenza tal-haddiema. L-imputat ma setghax jirrispondi meta mistoqsi dwar il-kontenitur li kien fih il-methylated spirit u li jidher li kien il-kagun ta` dan l-incident kif spjegat aktar il-fuq.

**Ikkunsidrat**;

Illi l-prosekuzzjoni argumentat illi ghalkemm l-imputat jista jitqies bhala persuna responsabbli f'termini generali, il-provi mressqa f'dan il-process ghandhom juru pero` numru sostanzjali ta` nuqqasijiet da parti ta` l-imputat qua direttur u qua persuna li jhaddem. Tenfasizza l-prosekuzzjoni illi l-imputazzjonijiet numru 2 sa 6 inghataw propju ghaliex il-provi juru bic-car li l-imputat naqas li josserva l-obbligi tieghu skond il-ligi applikabbli. Dawn in-nuqqasijiet rizultanti, apparti li huma jgibu lill-imputat passabbli ghal tali imputazzjonijiet, huma wkoll nuqqasijiet li jorbtu lill-imputat ma` l-ewwel imputazzjoni. Il-prosekuzzjoni fakkret illi l-Kap 424 tal-Ligijiet ta` Malta (Att XXVII tal-2000) u l-A.L.36 tal-2003 huma ligijiet specjali. Ghamlet ukoll referenza ghal diversi sentenzi in materja ta` responsabbilta` penali f'kazijiet simili, fosthom :

- Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali (Mag. Dr. Consuelo Scerri Herrera, sentenza tal-20/11/2006, *Il-Pulizija vs Mustafa Gohar, 1070/2004*;
- Appell Kriminali Nru 123/2006 JGD, sentenza tal-11/01/2007, *Il-Pulizija vs Angelus Bartolo*;
- Appell Kriminali Nru 149/2008 JGD, sentenza tal-11/12/2008, *Il-Pulizija vs John Magro et*;
- Appell Kriminali Nru 341/2010 MM, sentenza tat-13/07/2012, *Il-Pulizija vs Susanna Zammit et*;

Ma dawn is-sentenzi, din il-Qorti kkunsidrat ukoll is-sentenza ricenti ta` din il-Qorti, diversament preseduta (Mag. Dr. Donatella Frendo Dimech) tat-2 ta` Dicembru 2016 fil-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Norbert Grixti*; Ref. 56/2012.

**Ikkunsidrat**;

Illi l-Qorti qieset il-linji difensjonali mressqa mill-imputat u moghtija naturalment minghajr pregudizzju ghal xulxin. Il-linji difensjonali mressqa jistghu jigu sintetizzati hekk : l-ewwel, illi l-imputat ma kienx il-persuna responsabbli izda kien haddiehor li effettivament kien responsabbli mit-tmexxija tal-fabbrika; t-tieni, illi huwa ma setghax ikun responsabbli peress illi Joseph Spiteri kien il-persuna b'esperjenza tali li kull responsabbilta` fix-xoghol kienet tkun tieghu u tieghu biss; it-tielet, illi l-mewt sehhet minhabba xi kawza accidentali li nqaghlet wara (b'referenza ghall-infezzjoni jew infezzjonijiet li setghu zviluppaw, u li ghalihom ma jistax legalment jirrispondi l-imputat).

Elaborat, id-difiza, fuq is-segwenti punti :

i) Illi l-Managing Director huwa Raymond Cortis u l-imputat ma kellux ir-responsabbilta` fuq it-tmexxija u x-xoghol tal-fabbrika. L-imputat ma kienx titularment responsabbli.

ii) Illi ma hemmx rabta bejn il-mewt u l-incident. Bejn l-incident u l-mewt gara xi haga li ghalieha ma jistax jirrispondi l-imputat. Incident gravi imma mhux eccezzjonali. Kien fil-*burns unit* u kien qed jaghmel progress. Kien hemm nuqqas ta` l-awtoritajiet tas-sahha u ta` l-isptar. Nies ma jithallewx jidhlu fil-*burs unit* izda jhallu lil Joseph Spiteri johrog huwa biex jara n-nies.

iii) Illi n-nuqqasijiet tal-awtoritajiet imsemmija huma indikattivi mill-issottovalutar tas-sitwazzjoni medika li kien jinsab fiha Joseph Spiteri. Ma giex immoniterjat b'aktar kontrolli effettivi. Lehaq allura ghadda l-hin u l-infezzjoni lehqet livelli irriversibbli meta mbaghad iddahhal l-ITU. Id-dati partikolari, it-*timeline*, huma indikattivi ta` certu rilassament fil-prattici.

iv) Illi Joseph Spiteri kien propju l-imghallem, li kien il-persuna l-aktar mghallem fil-qasam tieghu u kien hu l-persuna li jiehu d-decizjonijiet teknici, u kien il-persuna li kollox kien jithalla f'idejh.

v) Illi ll-fatt li sehh ma seta qatt jigi anticipat.

Filwaqt li l-Qorti tapprezza l-isforzi ta` l-imputat (ara d-depozizzjoni ta` Dr. Ali Safraz tal-11/03/2014, ta` Victor Chircop SRN tal-25/06/2014, u l-kopja tal-file mediku ta` Joseph Spiteri esebit b'nota tal-Acting Superintendent tas-Sahha Dr. Lina Janulova), minn ezami akkurat ta` dawn il-linji difensjonali fil-qafas tal-provi mressqa, l-Qorti hi tal-fehema illi huma r-rizultanzi processwali stess li ma jaghtu ebda konfort, sal-grad rikjest mill-ligi, lil ebda wahda minn dawn it-tlett linji difensjonali.

Il-Qorti qieset ukoll in-nota b'dokumenti ta` l-imputat ipprezentata fl-udjenza tat-2 ta` Dicembru 2015. Dawn id-dokumenti u dak li jirrizulta minnhom, bla ebda mod ma jezoneraw lill-imputat mill-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti hi tal-fehema illi effetivament ir-rizultanzi processwali jindikaw grad ta` responsabbilta` li kien gej minn naha ta` Joseph Spiteri innifsu. Izda dan bhala fatt bl-ebda mod ma jezonera lill-imputat mir-responsabbiltajiet tieghu. In-negligenza kontributorja` da parti ta` Joseph Spiteri ma tincidi xejn fuq il-fatt konkretizzat bil-provi illi l-imputat huwa l-persuna responsabbli penalment skond l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Din il-konkluzjoni giet imfassla minn din il-Qorti a bazi tal-provi migjuba u wara li ghamlet ezami *funditus* tas-sentenzi fuq elenkati.

**Ikkunsidrat**;

In tema ta` piena l-Qorti qed tikkonsidra, fost fatturi ohra :

i) Illi hawn ghandna telf ta` hajja fuq il-post tax-xoghol;
ii) Illi l-fedina Penali ta` l-imputat hija wahda nettissima (ara folio 6) – l-imputat huwa certament persuna ta` karattru tajjeb;
iii) Illi dan jibqa incident sfortunat u li certament qatt ma kien mixtieq minn hadd;
iv) Illi l-kontributorjeta` da parti ta` terz (f'dan il-kaz tal-vittma stess) ghandha tittiehed in konsiderazzjoni fil-kalibrazzjoni tal-piena.

**<u>DECIDE;</u>**

**Ghall-motivi premessi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31 u 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikoli 6(1)(2) u 38 tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikoli 4(1)(2)(3), 5(1)(i)(ii)(iii), 6(1)(2), u 10(1)(2) tal-Avviz Legali 36 tas-sena 2003, issib lill-imputat JOSEPH CORTIS hati ta` l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta` prigunerija ta` disa (9) xhur izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` sentejn (2) mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija; kif ukoll ghal multa ta` disat elef euro (€9000).**

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil **JOSEPH CORTIS**, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

Il-Qorti, bis-sahha tad-dispost ta` l-Artikolu 533 tal-Kap 9, tordna lill-hati jhallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta` €450.51 spejjez konnessi mal-*medico legal post mortem examination*, €287.93 rappresentanti l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert tekniku Profs Alfred J Vella u €55.90 rappresentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta` l-espert PS1184 bhala *scene of the crime officer*.

Konsegwentement qed tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex issehh l-ezekuzzjoni ta` din l-Ordni skond il-ligi.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur